## Is-Smigħ – Il-Ħames Sena – Frar 2020

## L-Ewwel Silta

**Żarbun**: Le jaħasra, Mandy … tarminix.

**Mandy**: Kif nista' ma narmikx? M'intix tara kemm inti mgħarraq u mibrux? X'nambik aktar?

**Żarbun**: Mela nsejt kemm kont fraħt bija meta l-mamà xtratni għalik … għal għeluq sninek?

**Mandy**: Iva, imma dak kien sentejn ilu. U issa sieqi kibret u m'għadekx tajjeb għalija.

**Żarbun**: Insejt kemm kellna avventuri sbieħ flimkien? Tiftakar meta kont żanżantni għall-festin li għamlitlek il-mamà? Kulħadd kien qallek kemm għandek żarbun sabiħ u inti kont tħares lejja bi tbissima u b'għajnejk ileqqu?

**Mandy**: Dażgur li ma nsejtx. U għalhekk illum tinsab kif tinsab għax ilbistek ħafna. Kont iż-żarbun favorit tiegħi. Imma issa m'għadekx tajjeb għalija u l-mamà stess qaltli biex narmik.

**Żarbun**: Iva … għax illum intom hekk sirtu tagħmlu. Malli oġġett jeqdiem, tarmuh u tfittxu tixtru ieħor ġdid minfloku. Jekk jogħġbok tarminix Mandy. Ara teħodnix għand skarpan u sewwini u niġi qisni ġdid.

**Mandy**: Il-mamà tgħid li xi drabi lanqas jaqbillek issewwi għax jiġik ogħla minn wieħed ġdid! Barra minn hekk m'għadekx tiġini. Allura x'nista' nagħmel bik?

**Żarbun**: Ftakar li hawn tant tfal foqra li qatt ma raw żarbun bħali u dejjem imxew ħafjin, imsieken. Min jaf xi tbatija?

**Mandy**: Issa naf x'nagħmel. Tajtni idea tajba. Nieħdok għand Fredu l-iskarpan biex jirranġak kif jista'. Imbagħad nitfgħek ġo kaxxa u nibgħatek għal dawk it-tfal li pajjiżhom għadu kif intlaqat mit-terremot. Dawk imsieken tilfu djarhom u ħwejjiġhom.

**Żarbun**: Iva, Mandy, m'hawnx għalik. Avolja jiddispjaċini li jkolli ninfired minn sħabi tal-armarju.

**Mandy**: Ara ngħid lill-papà biex jibgħat ukoll dak iż-żarbun l-iswed li għandu u li qatt ma jilbes, għadu kważi ġdid. Xejn xejn ma tkunx waħdek, xi tgħid?

**Żarbun**: Iva, iva, dak ħabib tiegħi u għadu tajjeb. Flimkien nibdew avventura ġdida f'pajjiż ieħor. Aħjar milli nispiċċaw mormija f'xi miżbla jew imqattgħin biċċiet minn xi magna kbira.

**Mandy**: Mela ejja ħa nieħdok issa għand l-iskarpan. Issa qed nieħu gost li m'intix se tkun imdejjaq u jalla tferraħ lil xi tifla oħra bħalma ferraħt lili.

*Addattament minn Sagħtar Marzu 2010, Intervista ma' Żarbun, Trevor Żahra*

---

**<u>It-Tieni Silta</u>**

**Frans**: Ixtrili maskra għall-Karnival, pa, jekk jogħġbok?

**Missier**: Nixtrilek, mela le. Mela bi ħsiebek tilbes ta' maskarat? Meta jien kont tifel daqsek il-Karnival kien isir f'kull belt u raħal. Mhux bħal-lum, barra mill-Belt qisu ma jsir xejn.

**Doreen**: Mela x'kien isir pa?

**Missier**: Kienu jieħdu sehem mijiet ta' nies lebsin ta' maskarati. Arahom jiżfnu fit-toroq u fil-pjazez mad-daqq tal-banda. Niftakar tfal b'wiċċhom imgermed lebsin ilbies idaħħak, idoqqu tnabar, landi u trumbetti. Filgħaxija mbagħad joħorġu l-erwieħ.

**Frans u Doreen**: Erwieħ! Dawn x'kienu pa?

**Missier**: Dawn kienu jkunu rġiel imgeżwrin f'liżor bojod, b'ras kbira tal-kartun.

**Frans**: Ġieli ħadt sehem fil-karnival pa?

**Missier**: Iva darba lbist ta' Tork fil-parata tal-Belt.

**Doreen**: Il-parata x'inhi?

**Missier**: Il-parata ssir is-Sibt u dari kienet issir mill-irġiel. Illum jieħdu sehem fiha xi tletin tifel, nofshom lebsin ta' suldati Torok u nofshom ta' suldati Maltin. Dawn jibdew jiżfnu u jduru mad-daqq tal-mużika filwaqt li jħabbtu x-xwabel tal-injam taparsi qed jiġġieldu. Jirbħu l-Maltin u b'sinjal ta' rebħ jerfgħu fil-għoli l-għarusa tal-parata: tifla żgħira mlibbsa sabiħ bil-kuluri tal-bandiera Maltija.

**Frans**: X'kontu tagħmlu aktar speċjali fil-karnival?

**Missier**: Mill-1721 'l hawn bdiet issir il-Kukkanja, logħba li n-nies kienu jħobbuha ħafna.

**Doreen**: Xi tkun il-Kukkanja, pa? Għadha ssir?

**Missier**: F'nofs il-pjazza tal-Belt kien jitwaħħal arblu kbir miżmum wieqaf b'ħafna travi, ħbula u slielem. Fuq nett iqiegħdu rota u magħha jdendlu ħafna qfief b'kull xorta ta' ikel, laħmijiet u frott. Fil-quċċata tal-arblu jitwaħħal ballun kbir miksi biċ-ċraret u fuqu statwa b'bandiera f'idha.

**Frans**: Allura x'riedu jagħmlu n-nies?

**Missier**: Il-Kukkanja kien ikun fiha pjaċir kbir. Kulħadd jgħajjat, iċapċap u jidħak hekk kif ħafna rġiel jitilgħu mal-arblu, mat-travi u max-xibka sakemm jilħqu xi waħda mill-qfief. Kulħadd jieħu li jilħaq.

**Doreen**: U min jasal sal-istatwa bil-bandiera x'jieħu?

**Missier**: Eh, dak imur l-aħjar minnhom kollha għax kien jingħata somma flus bħala rigal.

**Frans**: Ħasra li llum m'għadhiex issir … Kieku kont nieħu gost nipprova nixxabbat mal-arblu. Kien jirnexxieli nilħaq xi ħaġa tgħid Dor?

*Addattament mid-Denfil 6*